**2 ta' Mejju**

**Tifkira ta'**

S. ATANASJU, ISQOF U DUTTUR TAL-KNISJA

Twieled f'Lixandra fis-sena 295, għen lill-isqof Alessandru fil-Konċilju Niċenu u laħaq warajh. Ħadha b'qawwa kbira kontra l-Arjani, u minħabba f'hekk ra ħafna ma' wiċċu u kien bosta drabi eżiljat. Ktieb opri mill-aħjar biex ifisser u jiddefendi l-fidi kattolika. Miet fis-sena 373.

Mill-Komun tar-rgħajja ta' l-erwieħ; għal isqof... jew Dutturi tal-Knisja...

Talba

O Alla ta' dejjem li tista' kollox, inti mlejt bil-qawwa lill-isqof Sant'Atanasju biex b'għerf kbir jiddefendi l-verita' li Ibnek huwa Alla; fil-ħniena tiegħek, agħtina li nifirħu bit-tagħlim u l-ħarsien tiegħu, u li dejjem iżjed nagħarfuk u nikbru fi mħabbtek. B'Ibnek.